TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 422/11/GZ

**Manuel u Carmen Lia**

**vs**

**Ventur Motor Center Co. Ltd.**

Illum 6 ta' Gunju 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-20 ta' Settembru, 2011, fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' sebgha mija disgha u ghoxrin Ewro (€729.00), rapprezentanti l-prezz li kellhom ihallsu ghal 'gearbox' gdida, meta l-karozza kienet ghadha koperta bil-garanzija.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Huwa (Manuel Lia) kien xtara karozza, 'Toyota Auris' ta' l-Inghilterra minghand is-socjeta' ntimata fit-18 ta' Marzu 2011, ghall-prezz ta' hdax-il elf u erbgha mitt Ewro (€11,400), u kien hallas 'cash'. Nhar it-13 ta' Lulju 2011, u cioe' erbgha (4) xhur wara li kien xtraha, din il-karozza waqfet ghaliex kien marilha l-'gearbox'. Fuq il-'cash sale' ir-rikorrenti ghandu miktub: "1 ½ year warranty on engine and..."

Ir-rikorrenti ezebew kopja ta' rcevuta datata 18 ta' Marzu 2011, mahruga mis-socjeta' ntimata ghall-ammont ta' hdax-il elf u erbgha mitt Ewro (€11,400); kopja ta' rcevuta tal-

V.A.T datata 2 ta' Awissu 2011, mahruga minghand 'Philip Balzan & Co. Ltd', ghall-ammont ta' mija erbgha u hamsin Ewro u erbghin centezmu (€154.40), spejjez konnessi ma' 'gearbox'; u kopja ta' rcevuta datata 25 ta' Lulju 2011, mahruga minghand is-socjeta' ntimata, ghall-ammont ta' hames mija hamsa u sebghin Ewro (€575.00) ghal 'Toyota Auris Gearbox'.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija toffri l-bejgh ta' karozzi li jigu mportati mil-Gappun jew mill-Inghilterra. Is-socjeta' ntimata toffri garanzija bil-miktub lil kull min jixtri karozza minghandha, fejn normalment toffri garanzija ta' bejn sena jew sena u nofs fuq il-magna biss. Meta karozza jkollha 'gearbox' awtomatika, is-socjeta' ntimata taghti wkoll garanzija fuqha, izda meta l-karozza tkun 'manual', hadd qatt ma jista' jaghti xi forma ta' garanzija, ghaliex jekk tuzaha hazin, tista' tkissirha facilment. Fil-kaz in kwistjoni, ir-rikorrenti kienu xtraw karozza 'manual', u ghalhekk is-socjeta' ntimata taghthom garanzija fuq il-magna biss.

Is-socjeta' ntimata ezebiet ittra ffirmata mill-persuna li kienet kitbet il-garanzija mahruga mis-socjeta' ntimata, fejn gie spjegat il-fatt illi l-garanzija tohrog fuq il-'gearbox' biss jekk il-karozza tkun wahda awtomatika, u mhux jekk il-karozza tkun wahda manwali.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha kkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub u fuq domanda tat-Tribunal stess, hija kkjarifikat illi l-garanzija li nghatat lir-rikorrenti, fejn hemm miktub: *"1 ½ Year Warranty on Engine and ..."* il-firma li hemm wara l-kelma *"and"* inkitbet hemmhekk minhabba l-fatt illi ghal mument is-socjeta' ntimata kienet insiet illi l-karozza li kienu qed jixtru r-rikorrenti kienet wahda manwali u mhux awtomatika u ghalhekk il-garanzija tkopri biss il-magna.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-fatt illi r-rikorrenti kienu hadu l-karozza sabiex tigi spezzjonata minghand 'mechanic' ta' l-ghazla

taghhom qabel ma xtrawha, flimkien mal-prova tal-garanzija li giet ezebita u l-kjarifika fuq l-istess, qed jichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**